FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 15 TA' NOVEMBRU, 1996

Avv. Nru. 348/96

Vassallo Builders Limited

vs

Bryan Azzopardi

It-Tribunal

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Disghin Lira Maltija (Lm90), mill-konvenut lis-socjeta attrici, bhala bilanc minn somma akbar, rappresentanti bilanc ta' prezz ta' "joinery goods" mibjugha u kkonsenjati lil-konvenut mis-socjeta' attrici fit-30 ta' April, 1994. Premess li kien sar pagament akkont tal-prezz fis-27 ta' Dicembru, 1994, kif jirrizulta mill-anness statement Dok."X", pero' nonostante diversi talbiet ghall hlas inkluza talba permezz ta' ittra legali datata 25 ta' Jannar, 1996, Dok."Y", il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx.

Ghalhekk is-socjeta' attrici kienet kostretta tistitwixxi din il-procedura ghall-hlas tal-kreditu dovut lilha mill-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut, prezentata fid-19 ta' Awissu, 1996, li fiha eccepixxa:

1. Preliminarjament, li l-konvenut mghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta' attrici, stante li hu ma kien ordna l-ebda xoghol minghand Vassallo Builders Limited, izda kien ordnah minn socjeta' differenti u cioe' Vassallo Joiners Limited;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub fl-avviz

mhuwiex dovut stante li x-xoghol ikkonsenjat lill-konvenut eccipjenti ma sarx skond is-sengha u l-arti, u lanqas ma sar skond l-ordni tieghu, u cioe' l-banketta qatt ma giet ikkonsenjata, il-mera hi maghmula f'bicca wahda u mhux fi tlett bicciet skond kif kienet ordnata, it-twaletta giet maghmula akbar mill-mizuri ordnati, u l-konsenja saret wara d-data miftehma;

Ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;
Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Semgha x-xhieda ta' Paul Pace, Bryan Azzopardi, Isabelle Azzopardi, u Louis Soler.

Fil-kors tal-kawza gew ezebiti s-segwenti dokumenti:

Dok.X - Statement of Account datata 9 ta' Mejju, 1996;

Dok.Y - Ittra legali datata 25 ta' Jannar, 1996;

Dok.VB1 - ditto Dok.Y;

Dok.VB2 - ditto Dok.X;

Dok.VB3 - Ittra lil-konvenut datata 1 ta' Dicembru, 1995;

Dok.VB4 - Invoice datat 26 ta' April, 1994;

Dok.VB5 - Delivery note datata 19 ta' April, 1994;

Dok.VB6 - Order form tas 7 ta' Jannar, 1994;

Dok.VB7 - Notamenti;

Dok.VB8 - "room survey";

Dok.VB9 - pjanta li turi l-oggetti ordnati;

Dok.VB10 - sketch ta' twaletta bil-mera;

Dok.VB11 - "cupboard";

Dok.VB12 - Unit b'zewg gardarobi;

Dok.BA1 - zewg sketches maghmula mil-konvenut;

Dok.BA2 - fax copies tad-Dok.VB10, VB11 u VB12;

Dok.BA3 - Delivery note datata 19 ta' April, 1994;

Dok.BA4 - Notamenti

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u tad-dokumenti ezebiti;

Jirrizulta li l-bilanc imsemmi hu allegatament dovut fuq xoghol ta' ghamara ghall-kamra tas-sodda.

Dwar l-eccezzjoni preliminari li l-konvenut m'ghandu jaghti ebda ammont lis-socjeta' attrici, stante li hu ma kien ordna l-ebda xoghol minghand Vassallo Builders Limited, izda kien ordnah minn socjeta' differenti u cioe' Vassallo Joiners Limited, jirrizulta li meta sar l-ordni in kwistjoni, Dok.VB6, mill-konvenut, fis- 7 ta' Jannar, 1994, Vassallo Joiners kienet tifforma parti minn Vassallo Builders Limited. Jirrizulta li fl-1 ta' Settembru, 1994, Vassallo Joiners saret Vassallo Joiners Limited.

Huwa minnhu li saret ittra ufficjali fis-6 ta' Dicembru, 1994, ghall-hlas ta' Disgha mija u disghin Lira Maltija (Lm990) minn Vassallo Joiners Limited.

Pero' skond ma xehed l-istess Paul Pace:

> "....il-flus li kellhom jiehdu ta' xoghol lest u invojcjat kellhom jittiehdu minn Vassallo Builders Limited..........Ma kienx hemm trasferiment ta' krediti ghal xoghol li kien lest minn kumpanija ghall-ohra.
> Ghalina x-xoghol in kwistjoni kienet meqjusa bhala "completed job"."

Ghaldaqstant jirrizulta soddisfacentement li l-ammont

jekk hu dovut, hu dovut lill Vassallo Builders Limited u mhux lill Vassallo Joiners Limited, stante li ghall-kumpanija x-xoghol in kwistjoni kien meqjus bhala "completed" u ghalhekk akkreditat lill Vassallo Builders Limited. Ghalhekk ma hemmx lok li tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni.

Fil-meritu jirrizulta li l-ghamara imsemmija b'kollox kienet tiswa disa' mija u disghin Lira maltija, (Lm990). Minn dan l-ammont Disgha mitt Lira thallsu f'Dicembru, 1994, u baqa bilanc ta' disghin Lira Maltija (Lm90), (vide Dok.X) li huma l-meritu ta' din il-kawza.

Saru ilmenti mil-konvenut u principalment li x-xoghol ma tlestiex fil-hin; li l-mera ma kienetx kif ried hu, li l-banketta ma gietx kkonsenjata, u li t-twaletta giet akbar milli ried hu.

Dwar id-data tal-konsenja, jirrizulta li skond l-istess ftehim Dok.VB6, il-konsenja kellha ssir ghall nofs Marzu 1994, filwaqt li s-sodda giet konsenjata f'April, 1994, u cioe' xi xahar tard. Issir referenza ghad-Dok.VB5 li minnhu jirrizulta li l-maggior parti tal-ghamara giet konsenjata fid-19 ta' April, 1994. Ghaldaqstant il-konvenut ghandu ragun jilmenta fuq it-tardivita' tal-konsenja.

Dwar il-mera, ghalkemm din saret skond ma intqal fl-order form, jidher li kien sar diskors mil-konvenut li ma riedhix hekk. Cioe', filwaqt li l-mera saret "single framed", jidher li l-konvenut riedha fi tlett bicciet.

F'dan il-kuntest jigi rilevat li meta saret l-"order form" il-kuntatt kien sar ma' Louis Soler, impjegat ta' Vassallo Builders Limited, li kien mar jiehu l-qiesin. Il-konvenut kien ghamel l-isketch Dok.BA1 (zewg pagni), filwaqt li Louis Soler ghamel l-isketches Dok.VB8 sa VB12.

Id-Dok.VB10 jindika li kien hemm mera wahda. Il-konvenut jinsisti li kien cemplilhom u qalilhom li ried

li l-mera tkun bi tlieta u Soler kien accetta. Il-konvenut kien aktar specifiku u qal li kellu jmur jirrangha certu Lawrence Galea.

Louis Soler fir-rigward jghid li ma jiftakarx kienx kellmu jew cempillux il-konvenut biex jibdel il-mera.

Fic-cirkostanzi u in vista ta' dawn ir-risultanzi t-Tribunal qed jaccetta l-versjoni moghtija mill-konvenut, fis-sens li x-xoghol tal-mera ma sarx kif miftiehem.

Dwar il-banketta, Jigi rilevat li skond Louis Soler din tiswa circa Hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm45) (tapezzerija inkluza).

Skond Paul Pace, managing Director tas-socjeta' Vassallo Joiners Ltd., id-drapp ghaliha kellu jingieb mil-konvenut u dan baqa ma gabux. Il-konvenut jghid li kien qalilhom permezz ta' telefonata biex jibghatuha kif inhi.

Din il-banketta ma gietx konsenjata, u fi Frar, 1996, il-konvenut iddecieda li tinghatalu l-banketta u jiehu hsieb hu tat-tapezzar. Dana hu bazikament konfermat minn mart il-konvenut Isabelle Azzopardi.

Dwar id-"dressing table" jekk wiehed jara d-Dok.BA5, juri li l-ispazju ta' bejn id-"dressing table" u l-mitrah hija zghira hafna. Mill-isketch, Dok.VB9, hemm indikazzjoni li l-ispazju ta' bejn is-sodda u t-twaletta ma kienx kbir, pero' definitivament mhux zghir daqs kemm spicca gie.

Ghaldaqstant it-tribunal hu tal-fehma li l-konvenut tassew kellu ragun jilmenta fuq ix-xoghol kif sar u kif u meta gie konsenjat.

Ghaldaqstant it-tribunal filwaqt li qed jichad l-ewwel eccezzjoni kif fuq intqal, qed jakkolji l-eccezzjoni sollevata mil-konvenut dwar li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, u li lanqas ma sar skond l-ordni tal-istess konvenut, u qed jirrigetta t-talba attrici.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' attrici skond il-Ligi.

~~Avv Joseph~~ Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.